MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 8/2007

**David Buhagiar ID 481978M.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Buhagiar datat 5 ta' Novembru 2007 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'decizjoni moghtija fis-27 ta' Ottubru 2007, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell tal-esponenti dwar *Enforcement Notice 78/05* mahrug fit-2 ta' Frar 2005. Din id-data ghandha rilevanza importanti, u cioe` meta hareg l-*enforcement notice*.

L-esponenti hassu aggravat mill-imsemmija decizjoni u ghalhekk qed jinterponi appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti fuq punt ta' ligi, jigi spjegat, u li tqajjem ukoll waqt l-appell u fl-istess decizjoni ssir riferenza ghalih.

Il-fatti fil-qosor:- L-esponenti kien ghamel permess tal-bini 5467/02 u bena fuq l-arja in kwestjoni. Fit-**2 ta' Frar 2005** harget *enforcement notice* 78/05 li fiha kien hemm lamenteli mill-Awtorita` li *"ghandek zvilupp mhux skont il-pjanti approvati fil-permess PA 5467/02 mahrug fis-**27 ta' Frar 2003**, billi:*

*A. Bnejt partijiet mill-faccata bil-bricks flok bil-gebla;*

*B. Waqqajt l-ewwel sular u rega' nbena mill-gdid minflok modifikazzjoni tal-istess sular;*

*C. Estenzjoni tal-bini fuq wara fil-livelli kollha billi sar tisqif tal-btiehi fil-livell tal-pjan terran (garaxxijiet) u din l-estenzjoni baqghet tiela' fil-livelli tal-ewwel, it-tieni u t-tielet u livell tal-bejt kif ukoll;*

*D. Alterazzjonijiet fil-washrooms; u*

*E. Pizz tal-konkos fuq l-istess washrooms."*

Jidher ghalhekk li kien hemm hames oggezzjonijiet. Fil-frattemp l-esponenti ppresentaw applikazzjoni gdida 3211/05 li giet presentata fit-30 ta' Mejju 2005 u approvata fit-23 ta' Novembru 2006, li ghaliha taghmel riferenza d-decizjoni appellata stess fl-ahhar faccata. Din l-applikazzjoni kienet *"to sanction amendments to approved apartments".*

4. L-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:-

L-aggravju hu dwar punti ta' ligi li tqajmu wkoll waqt il-pendenza tal-appell.

5. **L-ewwel punt ta' ligi.**

L-appellanti waqt is-smigh tal-appell introduca applikazzjoni gdida bin-numru 3211/05. Din kienet tghid car u tond li kienet saret biex tissana l-izbalji li kien hemm bejn il-bini kif sar u l-applikazzjoni originali. Skont il-paragrafu 4 ta' hawn fuq kien hemm hames punti li fuqhom l-awtorita` kienet qed tghid li l-appellanti ma kienx mexa fuq il-pjanti approvati u l-permess. Meta jkun hemm *"sanctioning"* dan ifisser li jkun hemm *"sanatio in radice"* li jfisser li jissewwa kollox mill-bidu, u minhabba li l-applikant ma jkunx qaghad ghall-permess, ikollu jhallas multa li tigi nflitta, minflok kull provvediment iehor, inkluz l-*enforcement notice*. L-esponenti hallas ukoll il-multa li giet inflitta. Jekk kien hemm *sanctioning* jew *sanatio in radice*, ma jistax jinghad izjed li l-*enforcement notice* kienet ghadha applikabbli.

Ghalhekk il-Bord tal-Appell kellu jara jekk il-hames punti kienux indirizzati u approvati fl-applikazzjoni tas-*sanctioning*. Il-punti huma dawk fil-paragrafu 4 ta' hawn fuq.
Dwar A - faccata mhux kollha tal-franka. Ghalkemm din il-kundizzjoni kienet tidher fil-permess originali, meta sar is-*sanctioning* huwa car anke skont il-pjanta li l-faccata kienet se tinkesa u tinzebagh, u mhux izjed tal-franka kollha hlief ghall-koxox tal-galleriji *(Proposed Street Elevation Plan fil-permess 3211/05 Sanctioning).*

Dwar B - twaqqiegh tal-ewwel sular flok modifikazzjoni. Meta sar is-*sanctioning*, il-fatt kien diga' kompjut, u skont kif fil-fatt inbena. Allura meta hareg il-permess il-gdid, u l-faccata ma kenitx se tibqa' tal-franka kollha, imma kienet se ssir tal-*bricks* miksi, kien hemm l-approvazzjoni ghal dan.

Dwar C - Estenzjoni tal-bini fuq wara li baqa' tiela' ghas-sulari kollha. Jekk wiehed iqabbel il-pjanta (dik li fiha t-timbru tas-Sanita`) fiz-zewg permessi, malajr jinduna li waqt li fil-permess 5467/02 ma jidhrux il-kmamar ta' wara, fil-permess 3211/05 jidhru l-*utility room*, l-*open window terrace*, u l-kamra tal-banju hija akbar. Fuq dan kien hemm permess kemm tal-Mepa u kemm tas-Sanita`.

Dwar D. Kien hemm ukoll permess gdid 3211/05 fuq il-kamra tal-bejt kif inbniet.

Dwar E - Il-pizz fuq il-kamra tal-bejt, jidher car li dan il-pizz gie approvat ukoll u cioe` li johrog pizz ta' 30 centimetru, u jidher car fuq il-pjanta tal-permess.

L-esponenti kien wera li kellu permess li jkopri kollox, u dan waqt il-pendenza tal-appell u cioe` l-permess 3211/05, u ghalhekk il-Bord tal-Appell ma kellux ghazla ohra hlief li jwaqqa' l-*enforcement notice* ghaliex kienet superata minn permess li gie wara. Dak li ma kienx permess sar bil-permess, u ghalhekk il-meritu kien esawrit, u ma setax jikkonferma.

Jidher li s-sentenza tibda mill-ahhar paragrafu tal-pagna 4 (ghaliex sa hemm kien riproduzzjoni tal-argumenti) fejn jinghad li *"Il-Bord acceda f'garaxx sottostanti ghall-proprjeta` tal-appellant u kkonferma li l-btiehi ta' wara huma proprjeta` ta' terzi u seta' jikkonstata li l-istess garaxx kellu bitha ta' madwar metru u nofs u tidher ricentement imsaqqfa."* Ma kellux ghalfejn jaccedi l-Bord ghaliex fil-pjanta approvata wkoll mis-sanita` jirrisulta li l-*garages* sottostanti kienu proprjeta' ta' terzi.

6. **It-Tieni punt ta' ligi**.

It-tieni punt ta' ligi huwa dwar il-konsiderazzjoni li ghamel il-Bord tal-Appell hawn appena citata dwar il-proprjeta` ta' terzi u li l-bitha kienet imsaqqfa. Fl-ewwel lok huwa risaput li l-MEPA ma tidholx fi kwestjonijiet tal-proprjeta` u l-permessi kollha johorgu minghajr pregudizzju ghal drittijiet ta' terzi. Hemm ukoll zewg tipi ta' applikazzjoni l-Form A u l-Form B, u t-tieni hija intiza biex persuna tista' tapplika anke fuq proprjeta` li mhix taghha jew kollha taghha.

Il-Bord ma setax jidhol ftali kunsiderazzjoni dwar proprjeta` ghaliex kien ikun qed jiddeciedi *ultra petita*, ghaliex din il-kwestjoni ma kenitx wahda mir-ragunijiet tal-*enforcement notice*, u cioe` l-ebda wahda mill-punti msemmija fil-paragrafu 4 ta' hawn fuq. Bl-ebda mod ma

kien hemm dibattitu dwarha, u dan kif jirrizulta mill-istess sentenza.

Fil-fatt fil-permess tas-*sanctioning* (3211/05) fil-pjanti hemm indikazzjoni li taht kien proprjeta` ta' terzi, u hemm zewg kondizzjonijiet specifici 7(b) u 7(c) li juru li d-*Development Control Commission* kienet konxja minn dawn il-fatti u approvat, salv li wissiet li t-terz kellu dritt jappella, u l-permess moghti ma kienx ifisser li mhux mehtieg il-kunsens tas-sid. Car aktar minn hekk ma setax ikun.

Dan il-punt ma setax jitqajjem waqt l-appell, ghaliex is-sentenza hija kaxxa maghluqa, u hadd ma kien qed jistenna spropositu bhal dan.

7. **It-Tielet punt ta' ligi**.

Jinghad li *"l-Bord innota li hemm diversi divergenzi fil-bini attwali mill-pjanti kif approvati fil-PA 3211/05. Fil-fatt gew indikati btiehi ta' terzi persuni bhal dawk tal-appellant meta l-btiehi attwali gew imsaqqfa u rundanabli (sic)"* Apparti li wiehed ma jifhimx il-kelma "rundanabli".

Apparti li dan mhux minnu, ghaliex fil-pjanta annessa mal-permess u approvata mis-Sanita` jindika car mod iehor, dan mhux l-anqas legalment korrett ghaliex dak li kien rimess lill-Bord tal-Appell kien l-punti mqajma fl-*enforcement notice de quo*, u dan ma kienx u ma setax kien wiehed mill-ilmenti. Hawn ukoll il-Bord kien qed jagixxi *ultra petita*. Wiehed kien jistenna' li l-Bord jindika almenu punt wiehed li kien hemm fl-*enforcement notice* li kien ghadu veljanti, u mhux jivvinta element gdid li hu sorpriza kompleta u ma kienx la fl-*enforcement notice* originali u l-anqas fis-sottomissjoni tal-Mepa quddiem l-Appell li giet riprodotta *in toto* f'pagna 4 tas-sentenza.

Fil-fatt l-esponenti dejjem kien qed japplika fuq is-sulari li jigu fuq il-*garages*, u li l-*garages* kienu ta' haddiehor, u dan fehmu d-DCC meta hareg il-permess 3211/05. Forsi issa skont din is-sentenza l-btiehi jinsabu mhux fil-pjan terren imma fl-ewwel sular?

Il-Bord l-anqas seta' jidhol f’xi kwestjoni tas-sanita` ghaliex ma kien hemm l-ebda *enforcement* fuq hekk. Dan barra li mhix kompetenza tal-MEPA.

Imma l-anqas jista' l-Bord tal-Appell *ex officio* jghid li hemm "diversi divergenzi mal-permess 3211/05". L-*enforcement notice* li kellu quddiemu kien jirreferi biss ghall-permess 5467/02. Ma kellux quddiemu xi *enforcement notice* li kien ikopri l-permess 3211/05. Ghalhekk kienu mportanti d-data li gew *highlighted* fil-bidu ta' dan l-appell.

L-esponenti jista' jqajjem ukoll zball iehor ta' ligi li s-sentenzi ghandhom ikunu motivati sewwa. Ma jistax jinghad li hemm "diversi divergenzi" u ma jissemma’ xejn. Il-Bord fl-access li ghamel messu ezamina jekk dawk l-ilmenti mressqa fl-*enforcement notice* gewx sanati jew le, u mhux generikament jixhet ohrajn li hadd ma jaf x'inhuma mill-atti. Il-Bord kellu kompetenza li jiddeciedi fuq l-*enforcement notice* u mhux aktar.

Jekk il-Mepa kellha raguni tahseb li dak li kien *sanctioned* bil-permess 3211/05 ma kienx rifless fil-bini kif imtella', allura kellha dritt tohrog *enforcement notice* gdida fuq il-permess il-gdid li manifestament jissostitwixxi dak ta' qablu, ghaliex l-applikazzjoni gdida kienet tkopri kollox mill-gdid. Imma jekk l-ilmenti fl-*enforcement* 78/05 kienu koperti u ma jidhirx li ma kenux ghaliex kieku fis-sentenza kien jinghad x'kien hemm pendenti, allura l-Bord kellu jiddikjara li l-*enforcement notice* 78/05 ma jibqax fis-sehh, u dan jekk irid, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni opportuna taht il-permess 3211/05.

Ghaldaqstant l-esponenti, waqt li jaghmel riferenza ghall-atti processwali u jitlob li jkunu annessi l-atti originali dwar il-permess 5467/02 u 3211/05, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tirrevoka l-*enforcement notice* 78/05.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 29 ta’ Novembru 2007 a fol 7 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **“Buhagiar David vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar gahr-rikors tal-appell David Buhagiar datata 13 ta’ Frar 2008 a fol 10 tal-process fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi permezz tal-applikazzjoni numru 3211/05, l-appellant applika sabiex jissanzjona diversi illegalitajiet li saru fuq is-sit mertu tal-appell u suggett ghal *enforcement notice* numru ECF 78/05.

2. Illi din l-applikazzjoni biex tissanzjona dawn l-illegalitajiet dahlet hafna wara t-terminu ta' sittax-il gurnata (16) moghtija fl-*enforcement notice* sabiex wiehed jissanzjona.

3. Illi apparti minn hekk u precedentement, l-appellant ukoll ghazel li jappella minn dan l-*enforcement notice*, xi haga li hija kontradittorja ghall-applikazzjoni biex tissanzjona.

4. Illi l-Bord tal-Appell, kulma kellu jaghmel kien jew li jikkonferma l-*enforcement*, jew li jannullaha, jew inkella li jiddismissja l-appell *stante* li kien hemm applikazzjoni biex tissanzjoni. Illi l-Bord ghazel li jezamina l-mertu tal-*enforcement notice* u ddecieda li jichad l-appell u jikkonferma l-*enforcement*. Ma kien hemm xejn *ultra petitia* minn dan kollu. L-appell kien semplici u ma tqajmu l-ebda kwistjonijiet ohra li l-Bord ghalhekk kellu jintervjenti fuqhom.

5. Illi ghaldaqstant jinghad li l-appell interpost mill-appellant huwa null *stante* li mhux qed isir skont l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' Izvilupp (Kap. 356)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwarpunti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi . . . . . .Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

F'dan il-kuntest ssir ukoll referenza ghal-numru ta' decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta' fatt u punt ta' dritt u senjatament:

**Frans Cuschieri vs. DCC (10/02 RCP)**
**Santino Gauci vs. DCC (32/01 RCP)**
**Salvu Sciberras vs. PA (26/01 RCP)**

Ikoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Marzu 2003.

6. Illi l-aggravji li semma' l-appellant ma jammontawx li l-Bord agixxa *ultra petitia* u dan ghaliex il-Bord kellu kull poter li jaccedi fuq il-post *de quo* u li kieku ma accediex ma kienx jikkonstata illi l-bini kif mibni ma kienx jikkonforma ruhu mal-permess approvat ftit qabel u cioe` biex l-appellant jissanzjona l-illegalitajiet. Huwa minn daqshekk ma dahalx fi kwistjoni ta' mpropjeta` jew ta' titolu, dan sar zgur fl-applikazzjoni innifisha. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Bord kienet wahda gusta u li timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti.

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2007 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant David Buhagiar, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2007 bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-13 ta Mejju 2010 meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Stafrace ghall-Awtorita` appellata. Deher l-appellant u l-perit tieghu. Dr. Joseph Brincat imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Ian Stafrace talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett'ostacolo* ghat- 28 ta' Ottubru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 27 ta' Ottubru 2007 fejn gie michud l-appell ta' l-istess appellanti odjern datat 2 ta' Marzu 2005 fuq Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq (Avviz) ECF 78/05 datat 2 ta' Frar 2005, u dan wara li saret applikazzjoni datata 30 ta' Mejju 2005 mill-appellant biex jassanzjona l-istess irregolaritajiet indikati fl-istess Avviz fuq il-permess li kien hemm Nru PA 5467/02, u l-permess relattiv inhareg fit-23 ta' Novembru 2006 (Nru. PA 3211/05) u dan minhabba li l-istess Bord fid-decizjoni tieghu ikkonstata u sab li fil-garaxx sottostanti ghall-proprjeta' tal-appellant kien hemm btiehi fuq wara proprjeta' ta' terzi u li l-istess garaxx kellu bitha ta' metru u nofs li tidher li kienet imsaqqfa ricentement u li kien hemm divergenzi tal-bini attwali kif approvati fil-PA 3211/05, u fil-fatt gew indikati btiehi ta' terzi persuni bhala dawk tal-appellant, meta l-btiehi attwali gew imsaqqfa u kundannabbli u ghalhekk hie determinat li l-hrug tal-*enforcement* kien gustifikat f'dan il-

kaz u ghalhekk l-appell mill-istess *enforcement* gie michud.

Illi sar appell odjern quddiem din il-Qorti fejn l-appellant odjern qed isostni li la darba saret applikazzjoni sabiex l-appellent jissanzjona l-irregolaritajiet indikati fl-istess Avviz u la darba hareg il-permess PA 3211/05, mela allura l-appell kellu jigi milqugh ghaliex dak indikat fl-istess Avviz gie allura sanzjonat fil-mori tal-appell bil-hrug tal-permess imsemmi datat 23 ta' Novembru 2006; l-Bord ikkonstata li kien hemm proprjeta' ta' terzi u bitha msaqqfa meta ma setghax jidhol fuq kwistjonijiet ta' proprjeta' u allura mar *ultra petita;* dwar il-punt fejn inghad fid-decizjoni tal-Bord li kien hemm diversi divergenzi fil-bini attwali minn dawk kif approvati fil-PA 3211/05, il-Bord ma kellu jidhol f'dan ghaliex dan ukoll huwa *ultra petita* u dan ghaliex kull ma kellu jaghmel il-Bord kien li jara li l-irregolaritajiet li kien hemm mill-permess 5467/02 u ma kellux *enforcement notice* fuq il-permess 3211/05 – u dan apparti li tali konkluzjoni tal-Bord ma hijiex motivata sew ghaliex fejn jinghad li hemm diversi divergenzi mill-permess 3211/05, effettivament fl-istess decizjoni dan ma giex spjegat – u jekk dan huwa l-kaz kellu jinhareg *enforcement notice* gdid fuq il-permess 3211/05.

Illi l-Awtorita ntimata rribadiet ghal dan billi qalet li l-appell kellu jigi michud ghaliex kellu jaghzel jekk jappellax mill-Avviz jew jekk jaghmilx applikazzjoni biex jissanzjona, u mhux jaghmel it-tnejn, u dan peress li dan huwa kontradittorju; jinghad ukoll li l-Bord tratta l-kaz fil-mertu, anke jekk seta` jichad l-appell la darba kien hemm applikazzjoni sabiex tissanzjona l-irregolarijiet indikati, u meta ezamina l-mertu tal-istess Avviz sab li kellu jikkonferma l-istess Avviz u l-Bord ma kkonsidra xejn izjed hlief dak li kien hemm quddiemu; u dan apparti li l-appell interpost mhux appell fuq punt ta' dritt skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** ghaliex mhux appell fuq punt ta' dritt deciz espressament mill-Bord; fl-ahharnett meta gie allegat li l-Bord mexa *ultra petita* ghaliex acceda fuq il-post dan mhux minnu, ghaliex kien dover tal-Bord li jaccedi fuq il-post sabiex jinduna li l-bini ezistenti mhux konformi mal-bini approvat – mhux

konformi mal-pjanti sottomessi sabiex l-istess irregolaritjiet indikati fl-Avviz jigu sanati u ghal dawn ir-ragunjiet l-Awtorita' appellata eccepiet li l-appell odjern ghandu jigi michud.

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok thoss li l-aggravvji sottomessi mill-appellant huma punti ta' dritt decizi mill-Bord ghaliex il-punti sottomessi jammontaw ghal dik li hija interpretazzjoni anke jekk implicita tal-Bord tal-Appell dwar id-disposizzjonijiet ta' appell minn Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq skont l-**artikolu 52 tal-Kap. 356.**

Illi jekk jigu trattati l-ilmenti tal-appellant fil-mertu din il-Qorti thoss li l-aggravvji tal-appellant hawn illum soggetti ghal dan appell ma jistghux jigu accettati u dan peress li la darba jirrizulta li fil-mori tal-appell, l-appellant ghamel applikazzjoni sabiex jissanzjona l-irregolaritajiet indikati fl-Avviz in kwistjoni, (kif ma hemmx dubju li ghamel bl-applikazzjoni datata 30 ta' Mejju 2005 – App.Nru. PA 3211/05) mela allura l-Bord ma kellux ghazla ohra hlief li jichad l-appell skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 52 (11) tal-Kap. 356.**

Illi fil-fatt fl-istess subartikolu jinghad testwalment li meta *"l-appellant jissottometti lill-Awtorita' applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk sodisfatt illi l-isemmija applikazzjoni hija intiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettiq".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-applikazzjoni li saret fil-mori tal-appell quddiem il-Bord kienet wahda sabiex l-appellant jissanzjona l-irregolaritijiet li kien hemm mill-permess PA 5467/02 u allura ma kienx hemm triq ohra ghall-Bord hlief li jichad l-appell, u dan huwa mandatorju skont il-ligi kif hawn citata u dan anke ghaliex tali applikazzjoni hija fiha nfisha u fil-ligi nkonsistenti ma' appell mill-istess Avviz.

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-appell odjern ma jistax jigi milqugh ghaliex bil-mod kif agixxa l-appellant stess li fittex ghall-applikazzjoni sanatorja, huwa ppregudika l-appell tieghu quddiem l-istess Bord, ghaliex tali azzjonijiet huma intrinsikament inkonsistenti ma' xulxin, ghaliex l-

applikazzjoni ta’ sanzjonar tindika (oltre li tindika) li l-irregolaritajiet indikati fl-Avviz kienu qed jigu ammessi bhala li mhux konformi ghall-permessi ezistenti qabel ma inhareg l-izvilupp.

Illi fil-fatt fi brani ohra, bhal per ezempju l-**artikolu 52 (9) tal-Kap. 356,** riferenzi ghall-permessi ezistenti skont l-istess Att ma jistghux ma jirreferux ghall-permessi ezistenti fil-mument li jkun inhareg l-Avviz. Dan allura jfisser li bil-mod kif agixxa l-istess appellant billipprezenta applikazzjoni sabiex jissanzjona halla biss konkluzjoni wahda ghall-appell quddiem il-Bord u dan huwa dik li l-appell tieghu mill-Avviz jigi rifjut abbazi tal-**artikoku 52 (11) tal-Kap. 356.**

Illi tenut kont ta’ dan jinghad ukoll li l-appell li effettivament sar mill-appellant quddiem il-Bord huwa ammissjoni tal-istess irregolaritajiet tant li l-appellant stess jghid li fl-appell tieghu datat 3 ta’ Marzu 2005 li kien ser jissottometti applikazzjoni sabiex jissanzjona kif fil-fatt ghamel fit-30 ta’ Mejju 2005, u kienu korretti l-osservazzjonijiet li ghamlet l-Awtorita’ fir-risposta taghha datata 18 ta’ Lulju 2005, li dak sottomess mill-appellant kien jammonta ghal xejn inqas minn ammissjoni tal-illegalitajiet indikati.

Illi ma` dan jinghad li f’dan il-kuntest l-ewwel aggravju ma ghandu ebda bazi legali, peress li la darba saret applikazzjoni sanatorja, kien ifisser li l-Avviz kif hareg, dejjem relattiv ghall-permess 5467/02 kien wiehed korrett u regolari, u gustifikat bl-agir tal-appellant fil-mori proprju sabiex jissanzjona. L-eventwali hrug tal-permess, anke kieku kollox sew, fil-proceduri konsegwenti ghall-ECF 78/05 kien irrelevanti ghal dawk il-proceduri in corso, u dan konsegwenti ghal Ligi espresso kif fuq spjegata.

Illi dwar it-tieni aggravju, li l-appellant isejjah bhala t-tieni punt ta’ ligi, dan huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li ma jirrizultax li l-istess Bord dahal sabiex jiddeciedi xi punt ta’ proprjeta’ bejn l-appellant u terzi, izda sempliciment ikkonstata li jirrizulta li l-pjanti sottomessi mill-appellant, u dan sew dawk konsegwenti ghall-

permess 5467/02, u dik wara l-applikazzjoni sanatorja 3211/05, kienu zbaljati ghaliex ma indikawx tali btiehi ta' terzi u dak l kien hemm fihom, u b'hekk dan jindika li l-bini ezistenti ma kienx konformi mal-permessi mahruga, u dan huwa rilevantissimu fid-dawl tal-prezentata ta' applikazzjoni mill-applikant sabiex jissanzjona, iktar u iktar meta qed jinghad, u l-Bord hekk sab, li anke l-istess applikazzjoni ghas-sanzjonar ma kinitx korretta. Dan kien fid-dover li jaghmlu l-Bord, specjalment fi proceduri ta' appell kontra Avviz, u iktar u iktar meta qed tigi allegata illegalita' fl-izvilupp, u nuqqas ta' bini fuq is-sit li mhux konformi mal-permessi mahruga, inkluz dak allura soggett ghall-istess Avviz. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi wkoll michud.

Illi fl-ahharnett dwar l-ahhar aggravju dan ukoll ghandu jigi michud u dan peress li meta l-Bord ikkonstata li l-bini attwali li huwa stess ezamina ma kienx konformi mal-pjanti approvati fil-PA 3211/05, huwa kien qed jagixxi fil-parametri tal-ligi, ghaliex b'hekk huwa kien qed jindika li fil-fatt l-izvilupp ezistenti ma kien qatt konformi mal-permessi ezistenti la fil-mument tal-hrug tal-Avviz, u lanqas dawk ezistenti fil-mori tal-appell, u dan iktar u iktar in vista ta' dak sottomess quddiem l-istess Bord, li l-Bord stess ikkonstata, u anke in vista tal-ittra tal-perit tal-appellant datata 27 ta' Mejju 2005, u l-konsiderazzjonijiet maghmula fil-mori ta' dawn il-proceduri, (wara dak li rrizulta fil-mori tal-appell quddiem il-Bord), li l-Awtorita' kienet qed tikkonsidra li tiehu azzjoni kontra l-appellant abbazi tal-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** sabiex tirrevoka l-permess proprju minhabba zbalji li qed tghid li kien hemm fil-dokumenti sottomessi mill-appellant quddiem l-Awtorita' b'riferenzi ghall-pjanti esebiti minnu fil-permessi indikati, azzjoni li timporta wkoll l-annullar jew revoka tal-istess (ara Memorandum datat 6 ta' Novembru 2008). F'dan il-kuntest u fl-ambitu ta' appell minn Avviz mertu tal-appell odjern certament jirrizulta li bl-ebda mod il-Bord ma mexxa *ultra petita,* ghalkemm forsi seta` spjega s-sitwazzjoni ahjar fid-decizjoni tieghu. Minn naha l-ohra dwar id-diversi divergenzi mal-permess 3211/05 li l-Bord alluda ghalihom, fl-opinjoni tal-Qorti fl-istess decizjoni jirrizulta li dawn huma ndikati sew – anke meta l-Bord

acceda fuq is-sit u ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell tal-appellant odjern quddiem din il-Qorti qed jigi michud ghaliex huwa nfondat legalment kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' intimata datata 13 ta' Frar 2008 biss in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant David Buhagiar skont ir-rikors ta' l-appell tieghu tal-5 ta' Novembru 2007** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz, u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"David Buhagiar vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 27 ta' Ottubru 2007.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellant David Buhagiar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------